MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2013

Appell Kriminali Numru. 468/2012

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Joseph Mamo**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 772455 (M)] quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali talli għax-xahar ta’ Frar, 2012, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b’kuntratt naqas li jagħti lil Doreen Mamo u/jew lil ulied is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/jew għall-ulied fi żmien 15- il jum minn dak il-jum li fih skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tat-3 ta’ Ottubru, 2012, li biha, wara li rat l-artikoli 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’

Malta, sabet lill-appellant ħati u għaldaqstant ikkundannatu **ġimgħa detenzjoni**.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu ppreżentat fil-15 ta' Ottubru, 2012, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull ħtija u piena.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti u ċioe':-

Illi l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) :
(i) minkejja illi semghet ix-xhieda bil-ġurament ta' Doris Mamo, fejn stqarret illi kienet iffirmat id-dokument in kwistjoni, u li saħansitra niżżlet in-numru tal-karta tal-identita` tagħha fuqu;
(ii) minkejja illi meta mistoqsija kinitx iffirmat l-imsemmi dokument minn jeddha, wiegbet fl-affermattiv;
(iii) minkejja illi kienet rinfaċċjata b'dokument illi kellu fuqu l-ammont in kwistjoni fi kliem u b'numri, bil-firma ta' Doris Mamo, kif ukoll bank withdrawal slip illi kienet tikkorrispondi ghall-istess ammont u żmien illi fih saret it-transazzjoni in kwistjoni u;
(iv) minkejja illi ma kienx hemm xhieda oħra sabiex jikkonfermaw il-veracita` o meno tal-asserzjonijiet ta' Doris Mamo – u li saħansitra l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) ghazlet illi ma tismax lit-tfal tal-koppja, meta l-istess Doris Mamo qalet illi t-tfal kienu preżenti, u għalkemm innega, l-imputat qal li ma kellu l-ebda problema li jinstemghu t-tfal
l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) għamlet apprezzament żbaljat tal-provi miġjuba quddiemha li kumulattivament wasslu għall-konklużjonijiet żbaljati fis-sentenza appellata.

Ikkonsidrat

Din il-Qorti ma tiddisturbax id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati jekk kemm-il darba l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjoni taħgha legalment u raġonevolment.

Il-Qorti semgħet ix-xhieda mill-ġdid u fil-qosor mill-atti jirriżulta dan li ġej.

A fol 6 tal-proċess jidher document bid-data ta' 30 ta' Settembru 2012 fejn jingħad hekk:

'Jiena Joseph Mamo (ID 772455M) qiegħed inħallas l-ammont ta' €15,000 (ħmistax-il elf Ewro fi flus kontanti bħala ħlas għall-manteniment lil Doris Mamo (ID 326672(M)). JOSEPH MAMO (ID 772455(M) ( u firma ) u taħt firma oħra D Mamo

A fol 7 jidher Payment Advice maħruġ mill-Bank Of Valletta bid-data 25 ta' Settembru 2012 lil Joseph Mamo ta' El Shaddai, Flat 6, Triq Milend Hamrun bl-ammont ta' €15,000

A fol 8 jidher affidavit magħmul minn P.S.1314 Raymond Ambrogio fejn huwa indikat li nhar id-19 ta' Frar 2012, kien sar rapport minn omm ta' tlitt itfalli Joseph Mamo kein ġie ordnat jagħti 400 Ewro fil-ġimgħa bħala manteniment warali kien ingħata digriet mill-Qorti fit-30 ta' Diċembru 2012.[1] Il-missier kien qed jgħaddi biss 200 Ewro fil-ġimgħa.

L-appellant kienq al li l-avukat tiegħu kien għamel rikors lill-Qorti biex il-manteniment jiġi rivedut. Huwa kien żied jgħid li kien qed jgħaddi parti mill-manteniment għaliex il-bejgħ tal-vetturi second hand kien naqas. Huwa kellu jbigħ il-garaxx biex ikun jista' jgħix hu u jgħaddi l-manteniment lill-mara.

Xehdet Doris Mamo fis-seduta tal-15 ta' Lulju 2013. Hija qalet li żewġha kien ilu ma jagħtiha l-manteniment sena u nofs. Ix-xhud sostniet li hija dejjem kienet tirċievi nofs manteniment. L-appellant kien ivvinta li kien ta ħmistax-il

[1] Ara fol 11

elf Ewro fl-aħħar ta' Settembru 2012. Fil-fatt huwa kien taha 1, 500 Ewro biss. Dawn il-flus kienu dovuti għal Diċembru 2011 u Jannar 2012.

Fil-kontro-eżami x-xhud qalet li hi la kienet taf tikteb u lanqas taqra. Hija kienet l-1,500 Ewro quddiem ir-raġel tagħha stess. Hija kkonfermat li l-firma fuq id-dokument a fol 6 kienet tagħha u qalet ukoll li kien żied iz-zero wara. Ix-xhud qalet li ma kellhiex kopja tad-dokument imsemmi u li fil-preżent kellha karozza 407. Hawnhekk ix-xhud kienet ikkonfrontata b'kuntratti ta' xiri ta' karozzi minn għand Michael Attard (19 ta' Ġunju 20040 u kuntratt ieħor tat-23 ta' Frar 2013 ma' J.Zammit Limited għax-xiri ta' Volkswagen Golf. Imbagħad, biex xtrat il-karozza Peugeotkien għenuha tal-familja.

L-appelalnt qal li d-dokument a fol 6 jieferi gaħll-manteniment li hu kien ħallas b'lura. Il-business kien mar lura u kellu jbigħ ix-showroom. Meta xehed kien ilu tmien xhur jirreġistra. Huwa kkonferma li kien taha 15,000 Ewro u imbagħad hija kienet sparixxiethom. Martu kienet tat tlettax-il elf Ewro lil Raymond ta' Ħaż-Żebbuġ wsaqt li kienet tat tmint elef u ħames mija oħra lil Matthew għall-peugeot. Qal ukoll li kien ħallas il-manteniment għax-xahar ta' Frar 2012. Kien taha kollox f'daqqa u ħallasha żżejjed.

Fil-kontro-eżami huwa qal li kien ta kopja ta-dokument a fol 6 lil martu.

Ikkonsidrat

Li mill-atti jirriżulta li l-appellant kellu problemi ta' saħħa kif ukoll problemi bin-negozju li beda sejjer lura.

Jirriżulta li wkoll li fil-25 ta' Settembru 2012 (tmint jiem qabel ma ngħatat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati) inġibdet is-somma ta' 15,000 Ewro mill-Bank of Valletta.

Id-dokument a fol 6 jġib id-data ta' 30 ta' Settembru 2012.

Il-Qorti ma tistax tagħmilha ta' espert u għalhekk ma tista' tagħmel ebda konklużjoni dwar l-allegazzjoni ta' mart l-appellant li żdied xi zero wara li kienet iffirmat hija jew jekk dan iz-zero kienx inkiteb qabel – jiġifieri kienx jeżisti qabel ma saru l-firem.

Biss mill-affidavit jirriżulta li fid-19 ta' Frar 2012 jew wara l-appellant stess kien għarraf lill-PS 1314 Raymond Amborigo li huwa ma kienx qed iħallas il-manteniment kollu kif suppost minħabba d-diffikultajiet li kellu.

Jirriżulta għalhekk li l-manteniment għall-ħlas ta' Frar 2012 ma kienx tħallas fiż-żmien stipulat mill-Kap 9. L-artikolu 338(z) jistipula li l-ħlas tal-manteniment għandu jsir **fi żmien ħmistax-il jum minn dak il-jum li fih ikollu jitħallas. Fejn jidħol il-manteniment, il-Liġi kriminali ma tagħti ebda dritt għal xi lump sum li titħallas wara. Għalhekk, ukoll jekk il-manteniment jitħallas wara, il-kontravenzjoni xorta tkun twettqet. Lanqas ma huwa wieħed ġustifikat li jgħid li qed jistenna l-eżitu ta' rikors li jkun sar quddiem il-Qorti tal-Familja. Sakemm jinbidel id-digriet jew il-kuntratt, min għandu jagħti l-manteniment jibqa' marbut li jagħti l-ammont imsemmi fid-digriet jew fil-kuntratt. Dan jgħodd tkun xi tkun ir-raġuni jew il-problema li jkollu min hu marbut li jħallas tali manteniment.**

**Konklużjoni**

**Il-Qorti, wara li qieset id-dokumenti kollha u x'qalu x-xhieda bil-ġurament, wara li qieset ukoll li diġa' kien hemm tliet darbiet oħra fejn l-appellant naqas mill-obbligi tiegħu fiż-żmien stipultat, qed tikkonferma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-3 t'Ottubru 2012 fl-intier tagħha.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------